MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 475/2012

**Cuschieri Bros Aluminium Limited**
**vs**
**Edilsystem SAS**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-socjeta Cuschieri Bros Aluminium Limited tal-11 ta' Mejju 2012 fejn talbet ir-revoka tal-mandat ta' qbid (recte sekwestru) kawtelatorju mahrug kontriha fit-8 ta' Marzu 2011;

Ir-ragunijiet li ghalihom is-socjeta rikorrenti talbet ir-revoka huma s-segwenti:
1. li l-ammont kawtelat fis-sekwestru ta' €702,000 kien eccessiv u mhux prima facie gustifikat;
2. inhareg b'mod vessatorju biex iddejjaq lis-socjeta rikorrenti u ghalhekk mhux necessarju w ingustifikat;
3. li minhabba l-hrug tal-mandat is-socjeta rikorrenti qed issofri pregudizzju ghax ma tistax timporta xoghol minn

pajjiz barra l-Unjoni Ewropea billi wiehed mis-sekwestratarji hu l-Kontrollur tad-Dwana;

Is-socjeta Edilsystem SAS opponiet ghat-talbiet tas-socjeta rikorrenti billi ma ingiebet ebda prova ta’ dak li kien qed jigi allegat;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tas-6 ta’ Gunju 2012.

**Ikkunsidrat**

Il-kontendenti ghandhom kawza bejniethom quddiem din il-Qorti li nbdiet f’Dicembru 2010. Filwaqt li s-socjeta rikorrenti qed titlob il-hlas ta’ bilanc ta’ prezz ta’ appalt fl-ammont ta’ €93,161.91 is-socjeta intimata ghamlet kontrotalba fejn allegat illi x-xoghol ma tlestiex kollu u ma sarx skond il-ftehim u ai termini tal-ftehim ta’ appalt is-socjeta rikorrenti kienet suxxettibbli ghal penali ta’ €1,000 kuljum fin-nuqqas. Ghalhekk talbet li l-penali tibda tiddekorri minn meta kellu jigi terminat ix-xoghol cioe 21 ta’ Settembru 2008. Tikkontendi li ghalkemm il-fond fejn kellu jigi ezegwit l-appalt gie rez operabbli fl-ahhar ta’ Marzu 2009 is-socjeta intimata qed tikkontendi li x-xogholijiet kontemplati fil-ftehim kienu ghadhom mhux kompletati sallum.

Din il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu tal-azzjoni jew il-kontrotalba ghax mhux dan l-iskop ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju. Dak li trid tistharreg din il-Qorti ghal finijiet ta’ dan il-mandat kien jekk is-socjeta li talbet u ottjeniet il-hrug tal-mandat kienitx qed tinvoka dritt prima facie u jekk l-ammont li ghalih intalab is-sekwestru hux kommensurat mad-dritt pretiz kawtelat.

Din il-Qorti ma tistax tinnega li s-socjeta intimata hi korreta li tinvoka l-artikolu tal-penali fil-kuntratt ta’ appalt bejn is-socjetajiet kontendenti bhala l-bazi ghal gustifikazzjoni tal-hrug tal-mandat ta’ sekwestru. B’daqshekk ma jfissirx illi ghandha dritt tesigi l-penali pero dak li qed jigi deciz f’dan l-istadju hu jekk dan il-pretiz dritt ghal otteniment ta’ penali jirrizultax prima facie bhala bazi ghat-talba u hrug tal-

mandat. Ir-risposta hi fl-affirmattiv peress li l-ftehim bejn il-kontendenti jistipula tali dritt favur is-socjeta intimata. Jekk jirrizultax li s-socjeta intimata ghandhiex dritt tottjeni l-penali ghar-ragunijiet premessi fil-kuntratt, dan hu mertu tal-kawza li f'din il-vertenza l-Qorti qed toqghod lura milli tikkummenta dwaru.

L-ammont mitlub, jekk jirrizulta li s-socjeta intimata ghandha raguni fil-mertu tal-allegazzjonijeit li qed taghmel fil-kontrotalba wkoll ma jidhirx eccessiv tenut kont dejjem ta' dak li qed titlob a bazi tal-allegazzjoni maghmula. Hu car pero illi l-mandat jinhareg bir-responsabilta li qed tassumi l-istess socjeta intimata li jekk jirrizulta li l-mertu tal-allegazzjonijiet taghha huma infondata qed tesponi ruhha ghad-danni li tista tkun infliggiet fuq is-socjeta rikorrenti minhabba l-hrug ta' dak il-mandat.

Fic-cirkostanzi rrizulta li l-hrug tal-mandat kien necessarju biex jigi kawtelat l-eventwali dikjarazzjoni ta' responsabilta tas-socjeta rikorrenti ghal hlas tal-penali lis-socjeta intimata.

Is-socjeta rikorrenti qed tilmenta wkoll mill-pregudizzju li qed issorfri peress li wiehed mis-sekwestratarji hu l-Kontrollur tad-Dwana u ghalhekk ma tistax timporta oggetti barra mill-Unjoni Ewropea peress li dawn jigi sekwestrati. Ma saret ebda prova da parti tas-socjeta rikorrenti li fil-fatt hi timporta oggetti barra mill-Unjoni Ewropea u illi minhabba f'hekk qed issofri pregudizzju ekonomiku serju. Il-mandat ilu li nhareg aktar minn sena u kien issa li s-socjeta rikorrenti ppresentat dan ir-rikors fejn ma giet sottomessa ebda prova konkreta tal-pregudizzju serju ekonomiku li qed issorfri bil-hrug tal-mandat f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana fost ohrajn.

Il-Qorti tqis li mandat minnu nnifsu 'idejjaq' lill persuna li kontrih jinhareg pero dan il-fatt wahdu ma jaghtix lok ghat-tnehhija tieghu  sakemm ma jirrizultax li sar bl-iskop mhux li jdejjaq u li jikkreja skonfort anki ekonomiku izda sar b'intenzjoni malizjuza u bla bzonn, mhux sorrett minn ebda bazi ta' prima facie dritt u fejn jirrizulta car li l-iskop tieghu mhux li jikkawtela dritt pretiz izda biss li jgieghel lil

parti li kontra taghha jkun hareg il-mandat li tissokkombi minhabba din il-pressjoni minghajr ma jkollha l-opportunita u l-mezzi li tkompli tagixxi jew tiddefendi ruhha. Dan ma jidhirx li hu l-kaz peress illi kif sottomess mis-socjeta intimata l-uniku depozitu ta' flus maqbuda mill-banek f'isem is-socjeta rikorrenti kienet is-somma ta' circa €5,000. Kwindi ma jidhirx li finanzjarjament is-socjeta rikorrenti qed titpogga gharkuptajha b'dan il-mandat jew li mhux qed jirnexxilha tkompli topera. Ghalhekk ma jistax jitqies li l-hrug tal-mandat kien wiehed vessatorju f'dan l-istadju. Fl-istess sens ma jistax jinghad li z-zamma tieghu fis-sehh ma ghadux necessarju jew hu irragonevoli peress li s-socjeta intimata bl-ebda mod ma jidher li hi kawtelata ghal dak li qed tippretendi. Mill-banda l-ohra pero, is-socejta rikorrenti hi fil-kummerc u din il-Qorti tqisha probabbli illi aktar ma ittul il-kawza bejn il-kontendenti ser jinhassu l-effetti ekonomici fuq is-socjeta rikorrenti li ma tistax tuza jew tinghata facilitajiet bankarji f'isimha u jekk jinnecessita x-xoghol ma tistax timporta oggetti barra mill-Unjoni Ewropea. Dan iwassal lil Qorti biex taghmel bilanc bejn il-protezzjoni tad-drittijiet tas-socjeta intimata ma' dawk tas-socjeta rikorrenti.

Hemm talba tas-socjeta rikorrenti li tigi imposta garanzija a bazi tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 jekk il-mandat ma jigix revokat. Din il-Qorti tqis li intwera gusta causa ghalfejn dan ghandu jsir almenu f'dan l-istadju. Is-socjeta rikorrenti gabet bhala prova risposta ta' Lufthansa Tecknik Malta Limited f'atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1920/2010JZM mahrug mis-socjeta rikorrenti kontra dik intimata fejn din is-socjeta esebit skirttura ta' cessjoni ta' drittijiet fejn is-socjeta intimata cediet kreditu ta' €88,000 li kien dovut lilha mill-istess Lufthansa Tecknik lil terzi residenti f'Sardenia. Din l-iskrittura giet esebita fl-atti tal-mandat fuq imsemmi fit-3 ta' April 2012 imma hi datata 30 ta' Settembru 2010. Inolre b'nota ipprezentata fl-atti mis-socejta intimata fuq talba tal-Qorti, jirrizulta illi s-socjeta intimata ghandha biss is-somma ta' €1,500 assi f'Malta.

Hi l-fehma tal-Qorti illi s-socjeta rikorrenti ghandha raguni valida titlob li tinghata garanzija xierqa mis-socjeta intimata.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata ma ghandhiex xi assi f'Malta li fuqhom is-socjeta rikorrenti tista' tmexxi f'kaz ta' ezitu favorevoli ta' din il-vertenza favur is-socjeta rikorrenti, u dan meta l-istess socjeta intimata cediet kreditu dovut lilha lil terzi fil-vertenza mertu tal-proceduri gudizjarji quddiem din il-Qorti. Dan wahdu ma jaghtix lok ghal impozizzjoni ta' garanzija a bazi tal-artikolu 838A izda irid jittiehed qies tad-danni ai termini tal-artikolu 838A li s-socjeta rikorrenti tista' ssofri sa tmiem il-proceduri bil-mandat ta' sekwestru li hemm kontriha jekk jirrizulta illi s-socjeta intimata ma kellhiex raguni fil-kontrotalba taghha u li f'dan l-istadju s-socjeta rikorrenti ma hi bl-ebda mod kawtelata. Dawn id-danni huma distinti mill-impozizzjoni tal-penali taht l-artikolu 836(8) u mhux marbuta anqas ma' xi mala fede fil-hrug tal-mandat, ghalkemm din hi kwistjoni dibattuta fil-gurisprudenza.

Il-Qorti tqis li dan hu kaz fejn hu gust li s-socjeta intimata taghmel garanzija bankarja adegwata sabiex taghmel tajjeb ghal danni li s-socjeta rikorrenti tista' tinkorri biz-zamma fis-sehh tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 311/2011 sa tmiem il-proceduri gudizzjrji f'kaz ta' ezitu favorevoli da parti tas-socjeta rikorrenti, li f'dan l-istadju din il-Qorti mhix qed tippronunzja ruhha fuq il-mertu. Wara li hasbet fuq din il-kwistjoni din il-Qorti tqis li l-garanzija bankarja imposta fuq is-socjeta intimata ghandha tkun ta' €100,000.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti fil-waqt li tichad l-ewwel tlett talbiet tas-socjeta rikorrenti, qed tilqa' r-raba talba u tordna li s-socjeta intimata taghmel garanzija bankarja favur is-socjeta rikorrenti ta' €100,000 li tibqa' valida sakemm il-vertenza bejn il-kontendenti fil-kawza fl-istess ismijiet numru 1282/2010 issir res gudikata, u dan entro xahar millum. Fin-nuqqas li tigi esibita kopja ta' din il-garanzija fl-atti tal-kawza entro dan it-terminu il-Qorti tirriserva li tirrevoka l-mandat 211/2011 fl-ismijiet Edilsystems SAS vs Cuschieri Bros Aluminium Limited fuq talba tas-socjeta rikorrenti.

L-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------